MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 143/2002/1

Citazzjoni numru 143/02
Blokrete Limited
Vs
Ideal Dwellings (Turnkey Ltd)
Il-Qorti;
Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn u hames liri maltin u sitta u hamsin cemtezmu (Lm6205.56) rapprezentanti materjali u servizzi moghtija lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess;

Illi, avolja interpellata biex thallas dan l-ammont , is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li d-dejn huwa cert , likwidu u dovut , u fil-fehma tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ta' l-istess socjeta attrici;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex , dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 et. seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta u in vista ta' l-affidavit guramentat hawn anness u mmarkat bhala Dok A:

1 tiddeciedi l-kawza skond it-talba , bid-dispensa tas-smiegh;

2 tiddikjara illi s-sojceta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn u hames liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6205.56) rappresentanti materjali u sevizzi moghtija lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess;

3 tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn u hames liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6205.56) rapprezentanti materjali u servizzi moghtija lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess;

Bl-ispejjezz inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Dicembru 2001 kif ukoll il-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-ispejjez legali kontra is-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u in-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqset li tidher ghas-smiegh tal-kawza u ghalhekk baqghet kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;
Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talbiet tas-socjeta atttrici jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici u tiddikjara illi s-sojceta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn u hames liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6205.56) rappresentanti materjali u sevizzi moghtija lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess; u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn u hames liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6205.56) rapprezentanti materjali u servizzi moghtija lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess; bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------